# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 25 ta' Mejju 2016

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru: 645 / 13 JA**

**Paul Vella bħala kuratur tal-eredita' ġjaċenti ta' Maria Calleja u l-Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici bħala amministratur tal-eredita' ta' Tommaso u Concetta Cilia**

**-vs-**

**Beatrice Catania, Anton Catania u Andre` Catania**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-atturi fit-2 ta' Lulju 2013 fejn ġie premess:

Illi fil-kwalita' tagħhom premessa l-atturi huma t-titolari tal-fond 28 Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar, detenut mill-konvenuti;

Illi l-istess konvenuti qegħdin jiddetjenu dan l-istess fond kontra l-volonta' tal-atturi u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

Illi għalkemm interpellati anke uffiċjalment biex jiżgumbraw mill-fond u jħalluh liberu u frank, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk l-istess konvenuti il-għaliex m'għandiex dina l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti qegħdin jiddetjenu u jokkupaw il-fond fuq speċifikat mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

2. Konsegwenternent tikkundanna lill-konvenuti sabiex jiżgumbraw mill-imsemmi fond 28, Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar, u dan fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa għal dan l-iskop.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Frar 2013, kontra l-konvenuti nġunti minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut ippreżentata fit-13 ta' Awissu 2013 fejn ġie eċċepit illi:

1. Preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom f'din l-azzjoni fil-kwalitajiet dikjarati minnhom.

2. Preliminarjament ukoll, l-atturi nomine għandhom jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom fil-proprjetá mertu tal-kawża.

3. Fil-meritu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

4. Il-fond in kwistjoni kien akkwistat minn Paul Catania, ir-raġel tal-esponenti Beatrice Catania u missier l-esponenti l-oħra, mingħand ħuh Joseph Catania, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-23 ta' Settembru 1991. Paul Catania miet fid-29 ta' Marzu 2003 u sehmu mill-fond imsemrni għadda fuq uliedu l-esponenti Anton Catania u Andre' Catania. L-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ġie pubblikat fil-25 ta' Mejju 2003 u t-taxxa relattiva tħallset.

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti u noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Mejju 2016.

**Ikkunsidrat:**

**Fatti**

Illi din hija kawża għal żgumbrament ta' fond 28 (qabel 14), Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar. L-azzjoni saret minn Paul Vella fil-kwalita' tiegħu ta' kuratur tal-eredita' ġjaċenti ta' Maria Calleja u mill-Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici fil-kwalita' tiegħu ta' Amministratur tal-eredita' ta' Tommaso u Concetta Cilia. L-atturi *nomine* jikkontendu illi l-konvenuti qegħdin jiddetjenu l-istess fond kontra l-volonta' tal-atturi u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.  Illi għalhekk

saret din il-kawża mill-atturi fil-kwalita' premessa sabiex jirriprendu pussess tal-fond.

In sostenn tat-teżi tagħhom l-atturi esebew l-*affidavit* tal-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici (fol 11).

**Eċċezzjonijiet**

Illi l-konvenuti eċċepew (fol 7) preliminarjament illi l-atturi jridu jippruvaw kemm l-interess ġuridiku tagħhom fl-azzjoni odjerni fil-kwalitajiet dikjarati minnhom kif ukoll fil-proprjetá mertu tal-kawża. Fil-mertu l-istess konvenuti eċċepew illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, fis-sens illi l-fond in kwistjoni kien akkwistat minn Paul Catania, ir-raġel tal-konvenuta u missier il-konvenuti l-oħra mingħand ħuh Joseph Catania, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-23 ta' Settembru 1991. Paul Catania miet fit-29 ta' Marzu 2003 u sehmu mill-fond imsemmi għadda fuq uliedu l-konvenuti, Anton u Andre' Catania. L-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ġie ppubblikat fil-25 ta' Mejju 2003 u t-taxxa relattiva tħallset.

**Xhieda**

Illi l-**Avukat Karmenu Mifsud Bonnici** fl-affidavit tiegħu (fol 11-57) prinċipalment jispjega illi:

(i) Provenjenza: Il-fond mertu tal-kawża jifforma parti mill-assi tal-konjuġi Tommaso u Concetta Cilia (referenza għall-kawża Ċit. Nru 1082/94 fl-ismijiet "Azzopardi *et* vs Zammit *noe et*", deċiża mill-Prim Awla fit-18 ta' Frar 2005 – Dok 'A');

(ii) Testment: Tommaso u Concetta Cilia għamlu l-aħħar testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Emmanuel Pio Debono tad-9 ta' Lulju 1938 – Dok 'B';

(iii) Kurazija tal-eredita' ġjaċenti: Bit-testment surreferit, tlett kwarti mill-eredita' tħalliet nofs lis-sitta ħut missier Tommaso, u nofs lill-erba' ħut omm Tommaso, xebba Micallef. Fost l-

erba' ħut omm Tommaso kien hemm Maria Micallef li żżewġet lil Giacomo Calleja. L-attur, Paul Vella, inħatar kuratur tal-eredita' ġjaċenti ta' Maria Calleja – Dok 'D'.

(iv) Amministrazzjoni: Concetta Cilia kienet kuġina ta' ommu, Caterina Mifsud Bonnici. Mal-mewt ta' Concetta, ħutha eredi appuntawh amministratur tal-proprjetá li tagħha Concetta kellha kwart indiviż in pjena proprjetá u l-użufrutt tal-intier.

(v) Ftehim ma' Joseph Catania: Concetta Cilia biegħet l-użufrutt *de quo* lil Joseph Catania skont l-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tat-8 ta' Mejju 1954 – Dok 'E'. L-eredi ta' Tommaso u Concetta Cilia ma riedux li l-amministratur, Dr Karmenu Mifsud Bonnici, jaċċetta l-kera minn min kellu l-użufrutt tal-postijiet. Ma' Joseph Catania kien hemm ftehim speċifiku f'dan is-sens u kellu preferenza biex jixtri l-post li kien joqgħod fih meta l-post ikun għall-bejgħ.

(vi) Bejgħ tal-fond *de quo* minn Joseph Catania lil ħuh, Paul Catania: *Ad insaputa* tal-amministratur Joseph Catania qabad u biegħ lil ħuh, Paul Catania l-fond *de quo* fl-istat attwali li kien jinsab fih, u ċjoe' fi stat dilapidat ħafna, bil-prezz ta' Lm3,000 imħallsa fuq l-att, li fih ġie dikjarat li l-fond kien ilu fil-pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku pubbliku u mhux ekwivoku għand il-venditu għal aktar minn 30 sena li jippossedih bħala sid – Dok 'G'. Kontestwalment ġie wkoll iddikjarat li x-xerrej kien qiegħed jikkostitwixxi dritt ta' abitazzjoni gratwita a favur tal-venditur *vita durante.*

Fit-3 ta' Novembru 2003, għal darb'oħra *ad insaputa* tal-amministratur, Joseph Catania rrinunzja b'effett immedjat għal kull dritt ta' inkwilinat li kellu fuq il-fond in kwistjoni, naxxenti mill-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1991 – Dok 'J' u Dok 'N'.

(vii) Notifika tal-aċċess lil Beatrice Catania: tad-digriet tal-Qorti fil-kawża tad-diviżjoni tal-assi ereditarji ta' Tommaso u Concetta Cilia, allura Bartolo, Cit. Nru 1082/94 "Azzopardi *et* vs Zammit *noe et*". Il-Perit Albert Fenech għamel l-aċċess tal-fond mingħajr oppożizzjoni.

(viii) Subbasta: B'digriet tal-21 ta' Ġunju 2012, il-Prim Awla ffissat l-11 ta' Settembru 2012 għall-bejgħ b'subbasta tal-fond *de quo*. B'rikors tad-29 ta' Awissu 2012, Beatrice Catania talbet is-sospensjoni tas-subbasta għax qalet li l-fond in kwistjoni kien nofs proprjetá tagħha u n-nofs l-ieħor taż-żewġ uliedha li wirtuh mingħand missierhom, li kien akkwista l-fond fit-23 ta' Settembru 1991 – Dok 'G' u Dok 'H'. Kien permezz ta' dan ir-rikors hawn fuq imsemmi illi l-amministratur sar jaf li fit-12 ta' Jannar 1993, Paul Catania talab biex iddekontrolla l-fond in kwistjoni u fit-23 ta' April 2005, Beatrice Catania applikat lill-MEPA biex tagħmel fil-fond *stairwell* u *bathroom.* Sar jaf ukoll bil-kuntratt tan-Nutar Pierre Cassar tat-23 ta' Settembru 1991 – Dok 'G' u bil-kuntratt tat-3 ta' Novembru 2003 – Dok 'M'.

(ix) Kontestazzjoni: Joseph Catania ma setax jikkonverti t-titolu li kellu ta' komodat fuq il-fond *de quo,* f'titolu ta' proprjetarju, kif jippretendi li għamel bil-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1991 – Dok 'G' u ma kienx veritier meta fih iddikjara li kien jippossjedi l-fond *de quo "bħala sid."* L-istess kuntratt jidher li mhux ġenwin bħala kuntratt ta' bejgħ għaliex il-kumpratur kontestwalment iddikjara li kien qed jikkostitwixxi dritt ta' abitazzjoni lill-venditur gratwitu *vita durante.* Kien għalhekk li l-amministratur ma setax jirrikonoxxi lil Beatrice Catania mart il-kumpratur, bħala proprjetarja tal-fond in kwistjoni u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami (fol 60-63), Dr Karmenu Mifsud Bonnici mistoqsi dwar l-eredita' ġjaċenti spjega hekk (fol 61):

*"Dr Pawlu Lia: Kemm ilha ġjaċenti* din *l-eredita?*

*Xhud: Minn 1960 xi ħaġa.*

*Dr Pawlu Lia: Għaddew iktar minn 50 sena, naqblu?*

*Xhud: Ilha iktar.*

*Dr Pawlu Lia: U jiġifieri eredi ma hemm ħadd fiha din l-eredita'?*

*Xhud: Hemm xi elf eredi għalhekk maqsuma ...*

*Dr Pawl Lia: Jiġifieri minn dawn l-elf eredi had ma aċċetta din l-eredita'*

*Xhud: Le ħadd.*

*Dr Pawlu Lia: L-eredita' baqgħet mhux aċċettata.*

*Xhud: Ġiet aċċettata mill-kuraturi għan-nom ...*

*Imħallef: Ħadd ma rrinunzja għall-wirt lanqas.*

*Xhud: Anzi l-kuraturi qed jiżbankaw, jinbiegħ il-proprjetá, jiżbankaw il-prokuraturi u mbagħad il-prokuraturi jagħmlu l-proċeduri fis-sekond awla, issa l-Qorti volontarja, jistabbilixxu min huma l-eredi ta' kull subship u jqassmu r-rikavat li huma żbankaw fost l-eredi."*

Illi mistoqsi dwar il-provenjenza tal-fond *de quo* x-xhud wieġeb (fol 62):

*"Dr Pawlu Lia: Minn fejn jirriżulta li din il-proprjetá li qegħdin tippretendu hija parti minn dak il-wirt inti tgħid li qed tirrappreżenta?*

*Xhud: Id-denunzja ta' Tommaso Cilia u d-denunzja ta' Concetta Cilia u mbagħad hemm sentenza tal-kawżi fejn kanonizzat ġie deċiż liema hi l-proprjetá.*

*Dr Pawlu Lia: Pero' f'dik il-kawża l-klijenti tiegħi ma kenitx parti mhux hekk.*

*Xhud: Dażgur li le jekk il-klijenta tiegħek kienet toqgħod ġo post wieħed.*

*Dr Pawlu Lia: Tista' jekk jogħġbok tipproduċi għal darb'oħra l-prova ta' minn fejn ġejja din il-proprjetá, u li tappertjeni lil dak il-wirt u d-dokumentazzjoni kollha kif għadda l-wirt?*

*Xhud: Sur Imħallef hemm is-sentenza ġol-kawża "Joseph Azzopardi vs Zammit".*

*Dr Pawlu Lia: Mela xi ħadd jista' jagħmel kawża fuq ħwejġi, jien m'inix qiegħed fiha, u mbagħad jgħidli għax għandi sentenza?"*

Illi dwar it-titolu tal-konvenuti x-xhud xehed kif ġej (fol 63):

*"Imħallef: Jiġifieri bħala proprjetá għax inbiegħu.*

*Xhud: Iva hu qal li akkwista permezz tal-preskrizzjoni u jien qed nipprova li mhu veru xejn għax kien jaf, ikkonverta t-titolu li kellu."*

Illi **Paul Vella** xehed in subizzjoni (fol 70) bħala kuratur tal-eredita' ġjaċenti ta' Maria Calleja.

Illi fl-affidavit tiegħu, **Andre' Catania** (fol 78) xehed illi dwar il-fond *de quo* ma kien involut xejn iżda ...

*"Pero' kif għidt il-post dejjem nafu l-ewwel li kien taz-ziju u wara li xtrah mingħandu missieru."*

Illi fl-affidavit tagħha, **Beatrice Catania** (fol 79) xehdet illi hi r-raġel tagħha marru jgħixu ma' Joseph Catania fit-tieni parti tas-snin tmenin:

*"Jien kont fhimt li l-post kien ta' ħu r-raġel u li kien wiegħdulu għal meta jiġi nieqes talli morna noqogħdu miegħu. Pero' dan qed ngħidu mhux għaliex kien hemm diskors ċar b'dan il-mod, imma jien dejjem hekk ħadtha."*

Illi hija tispjega li huma rranġaw il-post u tgħid illi *"żewġi kien it-tip li kieku ma kienx ċert li qed jonfoq fi ħwejġu ma kien kien jagħmel ebda spejjeż."* Tispjega illi fit-23 ta' Settembru 1991 marret ma' żewġha għand in-Nutar Pierre Cassar fejn kien hemm ukoll Joseph Catania u tgħid li: *"kulma għamilt kien li mort ma żewġi għaliex għall-kuntratt baqgħu waħedhom u jiena bqajt nistenna."* Il-post ġie ddekontrolla fit-12 ta' Jannar 1993. Inħareġ ukoll permess tal-MEPA. Żewġha Paul Catania miet qabel ħuh Joseph Catania. Mal-mewt ta' żewġha sehmu mill-post għadda fuq it-tfal tagħhom Anton u Andre' Catania. Hija baqgħet tgħix fil-fond waħedha. Hija spjegat illi:

*"Fis-snin kollha li għamilt l-ewwel noqgħod fil-post ma ħu r-raġel Joseph Catania, u wara li xtrajnih fl-1991 ħadd qatt ma kellimna jew ippretenda li l-post ma kienx tagħna. Kieku r-raġel ma xtarax il-post żgur li ma kienx sejjer joħroġ il-flus biex jagħmel dawl l-ispejjeż kollha li għamilna."*

Illi l-ewwel darba li xi ħadd qajjem kwistjoni fuq id-dritt tagħhom fuq il-post *de quo* kien meta rċevew avvviż tas-

subbasta f'xi Settembru 2012. Ġew esebiti dokumenti relattivi a fol 81.

Illi in kontro-eżami l-istess Beatrice Catania mistoqsija fejn kien joqgħod Joseph Catania wieġbet b'dan il-mod (fol 134):

*"Dr Philip Sciberras: kien joqgħod 160, Brighella Street, Il-Ħamrun.*

*Xhud: Iva.*

*Dr Philip Sciberras: U kien ilu jgħix ġo fih ferm qabel ma mortu toqogħdu intom jiġifieri.*

*Xhud: Eh dak, dażgur."*

Illi ma setgħetx tagħti spjega ċara għalfejn kienet elenkata bħala residenti f'Marchese Bugeja Street u kien biss fit-2005 li kienet tidher residenti f'Stella Maris Street skont ir-Registru Elettorali. Ma kinitx ċara wkoll meta ġiet mistoqsija jekk kenitx taf jekk ir-raġel tagħha kien iħallas il-kera qabel is-sena 1954. Ma setatx tiftakar ukoll jekk kienx mar Perit jagħmel aċċess. Spjegat illi ma kinitx tkun taf l-affarijiet li kien jieħu ħsieb ir-raġel tagħha u r-relazzjonijiet ma żewġha mhux dejjem kienu tajbin.

Illi ġiet esebita nota b'dokumenti mmarkati 'X1' sa 'X16' (fol 157-172).

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

Illi fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti se tgħaddi biex tikkunsidra l-ewwel iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari miġjuba mill-konvenuti, u ċjoe' illi (fol 7):

(i) Preliminarjament l-atturi jridu jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom f'din l-azzjoni fil-kwalitajiet dikjarati minnhom;

(ii) Preliminarjament ukoll, l-atturi nomine għandhom jipprovaw l-interess ġuridiku tagħhom fil-proprjetá mertu tal-kawża.

**Interess Guridiku tal-Atturi Nomine**
Illi Paul Vella jgħid li huwa qed jaġixxi bħala kuratur tal-eredita' ġjaċenti ta' Maria Calleja bis-saħħa tad-digriet[1] tal-4 ta' Frar 1996 fl-atti tal-kawża **"Azzopardi vs Zammit *noe*"** (Cit. Nru 1082/1994) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili u li jispeċifika kif ġej:

*"... u tinnomina minflokom lil Paul Vella bħala kuratur biex jirrappreżenta lill-eredita' ġjaċenti ta' Maria mart Giacomo Calleja, bint Paolo Micallef."*

Illi t-termini ta' dan id-digriet li jestendi l-awtorizzazzjoni għall-finijiet tal-kawżi odjerni, partikolarment meta wieħed jikkonsidra d-dispożizzjonijiet speċifiċi kontenuti fil-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) fir-rigward ta' wirt battal. Id-dispożizzjonijiet applikabbli huma l-artikoli 903, 904 u 905 tal- Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta):

*"903. Il-wirt, sakemm ma jkunx aċċettat, jitqies battal; u, fuq talba ta' kull min ikollu interess, il-Qorti, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 886, taħtar kuratur, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*904. (1) Il-kuratur ta' wirt battal għandu, qabel xejn, jagħmel l-inventarju ta' dak il-wirt.*

[1] Dok 'D' mal-*affidavit* ta' Dr Karmenu Mifsud Bonnici (fol 36).

(2) *Dan il-kuratur għandu jeżerċita u jmexxi l-jeddijiet ta' dak il-wirt: hu għandu jwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt, u għandu jamministrah bl-obbligu li jiddepożita l-flus li jkunu jinsabu fil-wirt stess jew li jidħlu mill-bejgħ ta' ħwejjeġ mobbli jew immobbli, u li jagħti kont lil min imiss.*

905. *Id-disposizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan ma jgħoddux għall-kuratur maħtur biss għall-finijiet imsemmija fl-artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

Illi skont l-artikolu 929 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili hawn fuq imsemmi,

*"ħatra ta' kuraturi, il-Qorti tista' wkoll taħtar kuraturi biex jidhru u jiddefendu fil-Qrati Superjuri jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha superjuri –*

*(a) fl-interess ta' nies assenti, jew taħt l-età li ma jkunux rappreżentati skont il-liġi, jew ta' persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, jew ta' interdetti, jew ta' persuni inċerti li jistgħu jiġu msejħa għal fedekommess jew għal wirt battal li ħadd ma jidher għalih skont il-liġi, jew ta' persuni li 'l quddiem jistgħu jiġu msejħa għal dan il-fedekommess jew wirt; jew"*

Illi jidher li n-nomina ta' kuratur skont dan l-artikolu hija limitata għall-finijiet tal-proċeduri li għalihom ġiet magħmula n-nomina u ma tistax tiġi estiża mingħajr talba appożita f'dan is-sens. Iżda Paul Vella skont ix-xhieda tiegħu stess straħ biss fuq in-nomina magħmula mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili f'proċeduri oħrajn. Issir referenza għax-xhieda tiegħu stess fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (fol 71):

*"Dr Pawlu Lia: Inti kif ġejt maħtur kuratur?*

*Xhud: Għamilt rikors fil-Prim Awla Ċivili."*

Illi iżda l-awtorizzazzjoni applikabbli għall-attur Paul Vella fil-kawża odjerna hija kkontemplata fl-artikolu 512 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jipprovdi li:

*"512. Kull min irid jista' jagħmel rikors lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja sabiex jiġi maħtur tutur jew kuratur ta' minuri, jew biex jiġi maħtur kuratur għal wirt battal jew għal nies assenti, inkella amministratur ieħor, skont il-liġi."*

Illi ma jidhirx mill-atti li saret talba f'dan is-sens lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja.

Illi f'dak li jirrigwardja l-attur l-ieħor, u ċjoe' Dr Karmenu Mifsud Bonnici, dwar l-inkariku tiegħu ta' amministratur tal-eredita' ta' Tommaso u Concetta Cilia xehed illi (fol 60):

*"Dr Pawlu Lia: Dr Mifsud Bonnici inti qed taġixxi bħala amministratur hux hekk?*

*Xhud: Iva.*

*Dr Pawlu Lia: Għamilt xi atti fis-sekond awla?*

*Xhud: Le.*

*Dr Pawlu Lia: Għandek xi dokumentazzjoni?*

*Xhud: Le ma għandhiex l-ebda dokumentazzjoni."*

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-konvenuti (fol 183):

*"Dr Mifsud Bonnici qatt ma kellu awtorita' tal-Qorti (la dik ta' ġurisdizzjoni volontarja u lanqas dik ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża) biex jaġixxi bħala 'amministratur' fit-termini tal-liġi. Hu stess jammetti li lanqas ma għandu xi awtorita' jew dokumentazzjoni oħra fir-rigward. Għalhekk huwa ma kellu ebda locus standi biex jippreżenta l-kawża preżenti bħala attur, u lanqas ma għandu interess ġuridiku fil-kwalita' li qed jaġixxi biex jipprosegwi din l-azzjoni."*

Illi din il-Qorti tosserva illi għalkemm tressqet din l-eċċezzjoni mill-konvenuti l-atturi naqsu milli jitrattaw dan il-punt fin-nota ta' sottomissjoni tagħhom (fol 174 *et seq*). *Inoltre* l-atturi *nomine* ma tellgħu l-ebda xhud sabiex jikkonfermaw ilu kienu taw id-debita awtorizzazzjoni tagħhom. Kif diġa' ġie msemmi aktar 'il fuq illimitaw ruħhom għal Dok 'D' esebit mal-*affidavit* ta' Dr Karmenu Mifsud Bonnici u billi jagħmlu referenza ġenerika għall-atti tal-kawża Cit. Nru 1082/94 fl-ismijiet **"Azzopardi *et* vs Zammit *noe et*"**, deċiża mill-Prim Awla fit-18 ta' Frar 2005 (Dok 'A').

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza ċitata fil-kawża fl-ismijiet **"Melita Marine Limited vs International Custom Service Yachting Limited"** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' April 2011:

*"Jibda biex jingħad li l-liġi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili, Kap 12, hija ta' ordni pubbliku u trid tiġi osservata ad litteram – Vol XVII p1 p 879:*

*Il-liġi ta' proċedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi għandha tiġi "osservata alla lettera e non per equipollens"."*

Illi l-proċeduri speċjali kontemplati fil-liġi fil-każ odjern għall-kuraturi huma ntiżi sabiex ikun hemm kontroll u serħan il-moħħ illi l-kuratur jew l-amministratur jesegwixxi l-

funzjonijiet tiegħu skont il-liġi. Għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi rriżulta illi ż-żewġ atturi, fil-kwalita' minnhom ddikjarata, naqsu milli jsegwu l-proċedura speċifika għall-każ odjern sabiex debitament jirrappreżentaw l-interessi ta' terzi fil-kawża odjerna.

Illi rriżulta għalhekk illi l-attur *nomine* m'għandhomx *locus standi in iudicio* fil-proċeduri odjerni sabiex jaġixxu bħala kuratur u amministratur rispettivament.

Illi għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija qegħda tiġi milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |